MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Talba Numru. 509/2013

**Pace Patrick**

**ID 317263M**

**Vs**

**Cities Entertainment Limited**

**C 16222**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta'settembru, 2013 illi spsocjeta' konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma ta' tlett elef, tlett mija u tnejn u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmi (€3,322.43) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-istabbiliment "Cafe' Premier" u dana kif jirrizulta mill-anness prospett immarkat (Dok A), oltre l-imghaxx legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas din is-somma izda baqghet inadempjanti.

Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' tlett elef, tlett mija u tnejn u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmi (€3,322.43) u dana oltre l-imghaxx legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, kontra s-socjeta' konvenuta, bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tas-26 ta' Marzu, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tat-26 ta’ Marzu, 2014 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef, tlett mija u tnejn u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmi (€3,322.43) bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju, ikunu a karigu tas-Socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------